

Kawża C-430/05

**Ntjoniċ Anonimi Etaireia Emporias H/Y, Logismikou
kai Parochis Ypiresion Michanografisis**

u

Ioannis Michail Pikoulas

vs

Epitropi Kefaloiagoras

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias)

“Direttiva 2001/34/KE — Artikolu 21 — Ammissjoni ta’ titoli fil-lista ta’ Borża
uffiċjali — Partikolaritajiet tal-lista — Inklużjoni ta’ informazzjoni mhux eżatta —
Persuni responsabbli — Membri tal-bord tad-diretturi”

Konklużjonijiet ta’ l-Avukat Ġenerali E. Sharpston, ippreżentati fit-8 ta’ Marzu
2007 I - 5837
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-5 ta’ Lulju 2007 I - 5848

Sommarju tas-sentenza

*Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Kumpanniji — Direttiva 2001/34
— Ammissjoni ta’ titoli fil-lista ta’ Borża uffiċjali
(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/34, Artikolu 21)*

I - 5835

L-Artikolu 21 tad-Direttiva 2001/34 fuq l-ammissjoni ta' titoli għal-listi ta' stock exchange [Borża] uffiċjali u fuq informazzjoni li għandha tkun ippubblikata fuq dawk it-titoli għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġislatur nazzjonali milli jistabbilixxi, għall-każijiet fejn jinstab li l-informazzjoni mniżżla fil-partikolaritajiet tal-lista ppubblikati għall-finijiet ta' l-ammissjoni ta' titoli fil-lista ta' Borża ma tkunx eżatta jew li tkun qarrieqa, sanzjonijiet amministrattivi li jistgħu jkunu imposti mhux biss fuq il-persuni msemmija b'mod espress f'dawn il-partikolaritajiet tal-lista bħala responsabbli għalihom iżda wkoll fuq l-emittent ta' l-imsemmija titoli u, mingħajr ma ssir distinzjoni, fuq il-membri tal-bord tad-diretturi ta' dan l-emittent irrispettivament minn jekk il-membri tal-bord ikunux ġew identifikati jew le bħala responsabbli fl-imsemmija partikolaritajiet tal-lista.

Fil-fatt, billi d-Direttiva ma tipprovdi espressament għal sistema ta' sanzjonijiet applikabbli għall-persuni li fuqhom taqa' r-

responsabbiltà għall-partikolaritajiet tal-lista, l-Istati Membri għandhom is-setgħa li jagħżlu s-sanzjonijiet li jidhrillhom li huma xierqa. Huma madankollu marbuta li jeżerċitaw is-setgħa tagħhom f'konformità mad-dritt Komunitarju u mal-prinċipji ġenerali tiegħu, u, konsegwentement, f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

F'dan ir-rigward, sistema ta' sanzjonijiet ċivili, kriminali jew amministrattivi, stabbilita fuq livell nazzjonali fil-konfront tal-persuni msemmija iktar 'il fuq, ma tmurx kontra l-għan ta' l-imsemmija Direttiva li huwa li tiggarrantixxi, *inter alia*, informazzjoni adegwata ta' l-investituri meta hija proporzjonata għall-gravità tar-reat li jikkonsisti fil-provvista ta' informazzjoni mhux eżatta jew qarrieqa fl-imsemmija partikolaritajiet tal-lista.

(ara l-punti 50, 52, 53, 55, 56 u d-dispożittiv)